

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KONVENZJONI REĠJONALI DWAR IR-REGOLI PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI PAN-EWRO-MEDITERRANJI

tat-28 ta' Settembru 2016

rigward it-talba tal-Georgia biex issir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [2016/2126]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni",

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jstipula li parti terza tista' ssir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni dment li l-pajjiż jew it-territorju kandidat ikollu fis-seħħ ftehim dwar il-kummerċ ħieles, li jipprevedi regoli preferenzjali tal-oriġini, ma' mill-inqas waħda mill-Partijiet Kontraenti.
- (2) Il-Georgia ppreżentat talba bil-miktub għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni lid-depożitarju tal-Konvenzjoni fit-23 ta' Settembru 2015.
- (3) Il-Georgia għandha ftehim ta' kummerċ ħieles fis-seħħ ma' żewġ Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni u tikkonforma mal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni biex issir Parti Kontraenti.
- (4) L-Artikolu 4(3)(b) tal-Konvenzjoni jstipula li l-Kumitat Konġunt jadotta permezz ta' deċiżjoni stedinet lil partijiet terzi biex jaderixxu ma' din il-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Georgia għandha tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2016.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Péter KOVÁCS

⁽¹⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.